

Brussell, 27 ta' Novembru 2025  
(OR. en)

15807/25

LIMITE

POLMAR 74  
POLGEN 207  
COMAR 47  
ENV 1263  
ENER 615  
MAR 165  
PECHE 411  
RELEX 1541  
SUSTDEV 90  
TRANS 578  
RECH 514  
PROCIV 162

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kunitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Patt Ewropew għall-Oċeani  
- Approvazzjoni


---

1. Fil-5 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat komunikazzjoni dwar il-"Patt Ewropew għall-Oċeani" (9876/25). Wara l-ewwel skambju ta' fehmiet fil-11 ta' Lulju 2025 fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Marittimi – Politika Marittima Integrata, il-Presidenza ħejjiet abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Patt Ewropew għall-Oċeani tas-17 ta' Lulju 2025.
2. L-abbozz ta' konklużjonijiet ġie eżaminat mill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Marittimi – Politika Marittima Integrata fl-24 ta' Lulju, id-19 ta' Settembru, is-16 ta' Ottubru u l-14 ta' Novembru 2025.
3. Intlaħaq qbil fil-prinċipju dwar l-abbozz tat-test fil-livell tal-grupp ta' ħidma.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden:

- jikkonferma qbil dwar it-test tal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Patt Ewropew għall-Oċeani kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota; u
- jirrakkomanda li l-Kunsill japprova l-abbozz ta' konklużjonijiet bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.

---



**Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Patt Ewropew għall-Oċeani**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR:

- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Oċeani u l-Ibħra tad-19 ta' Novembru 2019
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-bijodiversità - il-ħtieġa għal azzjoni urġenti tat-23 ta' Ottubru 2020
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ekonomija blu sostenibbli: saħħa, għarfien, prosperità, ekwità soċjali tas-26 ta' Mejju 2021
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-linji gwida strateġiċi l-ġodda tal-UE dwar l-akkwakultura tat-18 ta' Lulju 2022
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani għal oċeani u ibħra sikuri, siguri, nodfa, sani u ġestiti b'mod sostenibbli tat-13 ta' Diċembru 2022
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Riveduta dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE (EUMSS) u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha tal-24 ta' Ottubru 2023
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-20 ta' Marzu 2025
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-COP30 tal-21 ta' Ottubru 2025
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma tal-21 ta' Ottubru 2025

1. JILQA' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ewropew għall-Oċeani tal-5 ta' Ġunju 2025, u l-preżentazzjoni tagħha mill-Kummissjoni fit-Tielet Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani li permezz tagħha l-Kummissjoni tistinka biex tippromwovi r-rwol ewlieni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fil-governanza tal-oċeani, bħala inizjattiva strateġika ġenerali biex tissaħħaħ il-governanza tal-oċeani tal-UE u jiġu żgurati s-saħħa, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza fit-tul tal-ilmijiet tal-baħar taħt is-sovranità u l-ġuriżdizzjoni tal-Istati Membri, li tirriżulta mid-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS); u JISĦAQ FUQ l-importanza ta' qafas koerenti u integrat tal-UE għall-politiki dwar l-oċeani li jagħti riżultati b'rabta mal-għanijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi, ma jinkludix regolamentazzjoni kumplessa bla bżonn li tostakola l-innovazzjonijiet u l-possibiltajiet ta' adattament għal kundizzjonijiet li qed jinbidlu, u l-koerenza u l-koordinazzjoni effettiva bejn il-politiki u l-oqfsa legali eżistenti, u li jrawwem il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u r-regġuni; JISSOTTOLINJA li l-Patt għall-Oċeani għandu jaġixxi bħala qafas strateġiku u ta' gwida, li l-implimentazzjoni tiegħu għandha tirispetta l-kompetenzi u l-kuntesti nazzjonali tal-Istati Membri;

## **I. QAFAS TA' GOVERNANZA MSAĦĦAĦ**

2. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi "Att dwar l-Oċeani", u JAFFERMA MILL-ĠDID ir-rwol ċentrali tal-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu (MSP) bħala l-istrument strateġiku ewlieni għall-integrazzjoni u l-koordinazzjoni ta' attivitajiet marittimi diversi mal-protezzjoni u l-konservazzjoni ambjentali, bl-applikazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq l-ekosistema, u li jservi bħala għodda għall-integrazzjoni u l-operazzjonalizzazzjoni tal-oġettivi tal-Patt għall-Oċeani; JAPPELLA għat-tiżni tal-kooperazzjoni transfruntiera u l-kooperazzjoni bejn l-ibħra reġjonali, b'mod partikolari permezz ta' Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali u strateġiji tal-baċiri tal-baħar, għat-tiżni tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni transsettorjali fil-livell nazzjonali b'attenzjoni speċifika għall-Baħar Baltiku, il-Baħar tat-Tramuntana, il-Baħar Mediterran, il-Baħar l-Iswed, l-Atlantiku u l-Artiku, filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-importanza tal-kooperazzjoni anke f'baċiri tal-baħar oħra fejn xieraq; JISĦAQ li l-Istati Membri jżommu r-responsabbiltà u l-kompetenza għall-ippjanar tal-ispazju fl-ilmijiet tal-baħar tagħhom, u li s-sussidjarjetà għandha tiġi rispettata għalkollox; JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu l-aħjar użu mill-istrumenti finanzjarji eżistenti tal-UE biex jappoġġaw il-kooperazzjoni reġjonali fuq l-implimentazzjoni tal-MSP; JINNOTA li l-Kummissjoni biħsiebha tipproponi reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu (MSPD) u tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD); JISSOTTOLINJA li tali reviżjonijiet għandu jkollhom l-għan li jżidu l-koerenza u s-simplifikazzjoni, b'mod partikolari billi jirrazzjonalizzaw iċ-ċikli tal-MSFD biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni koordinata mill-Istati Membri, b'rispett sħiħ għas-sussidjarjetà u l-kompetenzi tal-Istati Membri;

3. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssaħħaħ il-qafas ta' governanza permezz tal-Patt għall-Oċeani, u JISSOTTOLINJA l-importanza ta' integrazzjoni u koordinazzjoni mtejba u allinjament aħjar tal-MSPD, l-MSFD, ir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura, id-Direttiva dwar il-Habitats<sup>1</sup> u d-Direttiva dwar l-Għasafar<sup>2</sup>, u l-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), kif ukoll politiki tal-baħar u marittimi rilevanti oħra tal-UE, f'konformità mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-UNCLOS; JISSOTTOLINJA li tali integrazzjoni għandha tqis ukoll il-persjonijiet ibbażati fuq l-art, u l-importanza li jiġi applikat approċċ mis-sors għall-baħar f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma; JENFASIZZA li għandha tikkunsidra wkoll l-aspetti ta' reżiljenza kostali rilevanti, kif ukoll il-koerenza ma' strumenti internazzjonali oħra, u tirrifletti wkoll is-sitwazzjoni speċifika tar-Reġjuni Ultraperiferiċi tal-UE; JISĦAQ FUQ il-ħtieġa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u l-kumplessità għall-Istati Membri, iċ-ċittadini u l-kumpaniji, u li tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rappurtar;
4. JIEĦU NOTA tal-elementi relatati mal-Patt Ewropew għall-Oċeani fil-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss; u JISĦAQ FUQ l-importanza li jiġi żgurat appoġġ adegwat għall-implimentazzjoni tal-Patt għall-Oċeani, permezz tal-użu effettiv tal-istrumenti finanzjarji eżistenti tal-UE u billi jiġi mobilizzat investment privat;

---

<sup>1</sup> 92/43/KEE

<sup>2</sup> 2009/147/KE

## **II. APPROĊĊ INTEGRAT GĦAS-SAĦĦA U S-SOSTENIBBILTÀ TAL-OĊEANI**

5. JIBQA' allarmat ferm mill-emerġenza globali li qed jiffaċċa l-oċean; JENFASIZZA li l-protezzjoni u r-restawr tas-saħħa tal-oċean, li huma l-pedament ta' kwalunkwe użu tar-riżorsi tiegħu, għandhom jibqgħu wieħed mill-isforzi futuri ewlenin fi ħdan il-Patt għall-Oċeani; JISSOTTOLINJA li l-ambjent tal-baħar qed jiffaċċa theddid dejjem jikber mit-tniġġis, l-isfruttament żejjed tar-riżorsi, l-impatti mill-attivitajiet tal-bniedem fl-ibħra tagħna, u t-tibdil fil-klima; b'hekk qed jiġi pperikolat l-għajxien, il-wirt kulturali u l-benesseri ekonomiku tal-komunitajiet kostali, il-bijodiversità u r-rwol ċentrali tal-ekosistemi tal-baħar fil-kisba tal-mira ta' żieda fit-temperatura ta' 1.5 C;
6. JISSOTTOLINJA r-rilevanza essenzjali ta' approċċ olistiku għall-governanza tal-oċean biex jiġu protetti, ikkonservati, irrestawrati u użati u mmaniġġati b'mod sostenibbli l-oċean u l-ekosistemi tiegħu, l-ibħra u r-riżorsi tal-baħar u biex naġixxu b'mod deċiżiv u urġenti, filwaqt li tiżdied l-azzjoni sabiex titħaffef l-implimentazzjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal (KMGBF), inkluż il-miri 2 u 3 u l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 fir-rigward tal-protezzjoni effettiva ta' mill-inqas 30 % tal-oċean tagħna, inkluż il-mira tal-Istati Membri tal-UE li jkollhom mill-inqas terz taż-żoni protetti – li jirrappreżentaw 10 % taż-żona tal-baħar tal-Istati Membri – li għandhom jiġu strettament protetti sal-2030, il-miri kollha tal-SDG 14 u miri interkonnessi oħra relatati mal-oċean tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli, kif ukoll ir-rilevanza essenzjali tal-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Ftehim fil-qafas tal-UNCLOS fuq il-Konservazzjoni u fuq l-Użu Sostenibbli tal-Bijodiversità Marina fiż-Żoni lil hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali (Ftehim BBNJ), globalment u mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha; JENFASIZZA li network koerenti ta' Żoni Marini Protetti (MPAs) ekoloġikament rappreżentattivi, konnessi tajjeb u mmaniġġati b'mod effettiv, kif ukoll b'Għodod oħra ta' Ġestjoni Bbażati fuq iż-Żoni u Miżuri ta' Konservazzjoni Effettivi Oħra bbażati fuq iż-Żoni, jaqdu rwol kruċjali fil-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità, l-ekosistemi u x-xbieki alimentari, peress li jappoġġaw il-komunitajiet kostali u s-sajjieda billi jgħinu fil-bini mill-ġdid u l-konservazzjoni tal-ħajja tal-baħar, f'konformità mal-istrumenti rilevanti tal-UE;

7. JAGĦRAF li t-telf tal-bijodiversità tal-baħar huwa kkawżat mill-attivitajiet tal-bniedem u l-konsegwenzi tagħhom, inkluż it-tibdil fil-klima; JISSOTTOLINJA li hemm rabta qawwija bejn il-governanza tal-oċeani u l-oġġettivi tal-PKS; u JENFASIZZA l-importanza tal-evalwazzjoni u r-reviżjoni tar-regolament dwar il-PKS, filwaqt li jitqiesu l-impatti ambjentali, soċjali u ekonomiċi tiegħu; JISĦAQ FUQ l-urġenza li jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità tal-baħar u li jinkiseb Status Ambjentali Tajjeb tal-ambjent tal-baħar għall-ilmijiet tal-baħar tal-Istati Membri kollha permezz ta' approċċ ibbażat fuq ix-xjenza, ibbażat fuq l-ekosistema u mnebbaħ mill-impatti kumulattivi; u JILQA' r-reviżjoni ppjanata tal-MSFD bil-ħsieb li jiġu ċċarati l-oġġettivi tagħha inkluż integrazzjoni mtejba tat-tibdil fil-klima; u JĦEĠĠEĠ attenzjoni partikolari biex jitħaffef il-progress lejn il-kisba sħiħa tal-oġġettivi ambjentali tagħha u biex tiġi żgurata s-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi - b'mod partikolari fir-rappurtar u l-ġestjoni tad-data - mingħajr ma jiġi kompromess l-oġġettiv tad-Direttiva u l-protezzjoni u r-restawr tal-ambjent tal-baħar u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar; u JAGĦRAF il-ħtieġa għall-integrazzjoni bejn l-MSFD u l-oqfsa ambjentali, agrikoli u tas-sajd tal-UE; u JĦEĠĠEĠ ukoll koerenza mtejba bejn l-MSFD u l-MSPD filwaqt li jiġi applikat approċċ ibbażat fuq l-ekosistema;

8. JISĦAQ li qafas għall-governanza tal-oċeani għandu jkun imsejjes fuq il-prinċipji ewlenin li ġejjin: il-prinċipju ta' prekawzjoni; approċċ mis-sors għall-baħar li jindirizza t-tniġġis f'kull stadju taċ-ċiklu tal-ilma, minn sorsi interni sal-oċean miftuħ; approċċ ibbażat fuq ix-xjenza għat-tfassil tal-politika li jintegra l-aħjar għarfien u data ta' monitoraġġ disponibbli; approċċ ibbażat fuq l-ekosistema li jirrikonoxxi ekosistemi tal-baħar b'saħħithom bħala prerekwiżit u bażi għall-użu sostenibbli tal-baħar u l-interdipendenzi kumplessi fi ħdan l-ambjenti tal-baħar u jagħti prijorità lill-ġestjoni olistika u integrata; u l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas;

### **III. SPINTA LILL-EKONOMIJA BLU SOSTENIBBLI LEJN KOMPETITTIVITÀ** **AKBAR**

9. JENFASIZZA li l-Patt għall-Oċeani għandu jinkoraġġixxi u jrawwem ekonomija blu sostenibbli b'enfasi fuq id-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni riġenerattiva f'konformità mal-oġettivi tal-UE għan-newtralità klimatika u r-restawr tan-natura permezz tad-dekarbonizzazzjoni u ż-żieda fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-investment;

10. FILWAQT LI JFAKKAR fl-importanza tal-industrija marittima, il-bini tal-bastimenti, it-trasport marittimu u r-rotot marittimi tal-Ewropa għall-kompetittività, l-awtonomija strateġika, u s-sigurtà tal-UE f'dinja aktar kompetittiva; u FILWAQT LI JAGĦRAF l-għarfien espert tal-qasam tat-tbaħħir, it-tarzni u l-fornituri tat-teknoloġija Ewropej; JAPPELLA għal strateġija marittima industrijali komprensiva biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-industriji marittimi Ewropej, li tiffoka fuq id-dekarbonizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, l-innovazzjoni, l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, l-investment fir-riċerka, l-impjiegi deċenti, l-iżvilupp tal-ħiliet, l-aċċess imtejjeb għall-kapital ta' riskju għal start-ups u SMEs marittimi Ewropej, u s-sħubijiet biex jingħata bidu għat-tranżizzjoni lejn prattiki sostenibbli u kompetittività akbar; JENFASIZZA l-importanza li tissaħħaħ l-attrazzjoni tal-professjonijiet tal-baħar u marittimi mingħajr preġudizzju għar-regoli internazzjonali kif applikabbli; u JIBQA' impenjat li jippromwovi miżuri globali għat-tbaħħir fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u fl-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi globali;
11. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI r-rwol strateġiku tal-portijiet Ewropej fil-kummerċ globali u l-mobbiltà militari; FILWAQT LI JENFASIZZA l-potenzjal tagħhom bħala ċentri għad-dekarbonizzazzjoni, iċ-ċirkolarità u l-innovazzjoni; JAPPELLA għal strateġija ġdida għall-portijiet tal-UE biex il-portijiet jiġu kkonvertiti f'ċentri ta' sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali, li jippromwovu l-infrastruttura għal skopijiet ċivili u militari, u jsaħħu r-raggruppamenti tal-enerġija u industrijali li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u jsaħħu l-kompetittività ġenerali;

12. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI r-rwol kruċjali tas-sajd u l-akkwakultura għall-provvista u s-sigurtà tal-ikel tal-UE u l-għajxien tal-komunitajiet involuti; JENFASIZZA l-ħtieġa għal titjib fil-kompetittività u r-reżiljenza tal-produtturi Ewropej tas-sajd u tal-akkwakultura, inkluż appoġġ għall-modernizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni tal-flotta tas-sajd, li għandhom jiġu id fid ma' trasformazzjoni lejn sajd u akkwakultura aktar sostenibbli u qafas legali aktar sempliċi;

#### **IV. IL-PROTEZZJONI U L-GĦOTI TAS-SETGĦA LILL-KOMUNITAJIET KOSTALI U TAL-GZEJZER**

13. JISSOTTOLINJA li komunitajiet kostali reżiljenti u oċean b'saħħtu huma konnessi b'mod inerenti; JENFASIZZA li l-vijabbiltà soċjokulturali u ekonomika tal-komunitajiet kostali u tal-gżejjer u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet marittimi jiddependu fuq oċean u ibħra b'saħħithom u li jiffunzjonaw tajjeb, u fuq ġestjoni sostenibbli tal-attivitajiet tal-bniedem kif ukoll appoġġ għall-adattament għall-impatt tat-tibdil fil-klima, bħaż-żieda fil-livell tal-baħar, l-erożjoni kostali u żieda f'avvenimenti ta' temp estrem; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġu evitati jew minimizzati l-pressjonijiet fuq l-oċeani u l-ibħra tagħna, inkluż it-tibdil fil-klima u t-tipi kollha ta' tniġġis u jappoġġa setturi ekonomiċi diversifikati li jiddependu fuq l-ekonomija blu sostenibbli, li għandhom ikunu l-aktar prijoritajiet importanti għall-Patt Ewropew għall-Oċeani; JILQA' f'dan ir-rigward aktar appoġġ għall-isforzi ta' adattament tal-komunitajiet kostali u tal-gżejjer bħala parti mill-Komunikazzjoni dwar il-Gżejjer u l-Komunitajiet Kostali mħabbra mill-Kummissjoni; JISĦAQ li l-koordinazzjoni bejn il-livelli reġjonali, nazzjonali u lokali għandha tissaħħaħ u tiġi inkluża fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u jenfasizza l-importanza li jiġi applikat approċċ ibbażat fuq l-ekosistema; u JISSOTTOLINJA li s-sajd u l-akkwakultura sostenibbli, u t-trasport marittimu għandhom rwol essenzjali fil-provvista globali tal-ikel, u flimkien mat-turiżmu, l-enerġija lil hinn mill-kosta fost setturi oħra għandhom rwol importanti fl-ekonomija tal-komunitajiet kostali;

14. JENFASIZZA l-importanza tal-istrateġija Ewropea li ser titfassal dwar it-turiżmu sostenibbli li għandha tappoġġa d-destinazzjonijiet kostali u tal-gżejjer fit-titjib tal-koordinazzjoni, il-governanza kondiżiva u l-oqfsa ta' monitoraġġ tagħhom kif ukoll il-kapaċità tagħhom li jadattaw għal sfidi ġodda li jiżguraw li l-iżvilupp tat-turiżmu jallinja mal-għanijiet usa' ta' sostenibbiltà ambjentali;
15. IFAKKAR fl-importanza li jiġu żgurati attenzjoni speċifika u appoġġ xieraq għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE u l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej assoċjati, li huma ta' importanza strateġika u ekonomika ġenwina għall-UE, biex jeliminaw l-insularità tagħhom u jissodisfaw il-ħtiġijiet soċjali, ekonomiċi, ekoloġiċi, tal-enerġija u tal-ikel tagħhom;

**V. IR-RWOL ESSENZJALI TAR-RIĊERKA, L-GĦARFIEN, IL-LITTERIŻMU U L-HILJET TAL-OĊEANI GĦALL-INNOVAZZJONI BLU**

16. JILQA' l-Inizjattiva għall-Osservazzjoni tal-Oċeani; JISĦAQ li għarfien robust dwar l-oċeani, data dwar il-baħar standardizzata, u għbir u monitoraġġ imtejba tad-data huma essenzjali għal governanza effettiva tal-oċeani, is-sikurezza tan-navigazzjoni, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar; JAPPELLA għal oqfsa msaħħa għall-ġestjoni tad-data, kooperazzjoni transsettorjali u transfruntiera msaħħa fir-riċerka dwar l-oċean, inkluż dwar il-pressjonijiet fuq l-oċean u l-monitoraġġ tagħhom, fil-kondiżjoni tal-għarfien kif ukoll fit-taħriġ, inkluż it-titjib tal-hiljet u t-taħriġ mill-ġdid, għall-forzi tax-xogħol relatati mal-baħar; u JENFASIZZA l-importanza li tittieħed azzjoni dwar l-għarfien dwar l-oċeani, li jiġu sfruttati l-għodod eżistenti dwar il-governanza tad-data dwar l-oċeani inkluż fil-livell tal-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali u li tissaħħaħ ir-rabta bejn ix-xjenza u l-politika, inkluż permezz tal-iżvilupp tat-Tewmi Diġitali Ewropew tal-Oċean;

17. IFAKKAR fl-importanza li jiġu appoġġati r-riċerka, l-innovazzjoni u d-data miftuħa sabiex jiġu mifhuma, protetti u restawrati aħjar l-oċeani u l-ibħra, l-istat, id-dinamika u l-ekosistemi tagħhom, u b'hekk ikunu jistgħu jaġixxu b'mod trasformativ u jwettqu innovazzjoni blu; JISĦAQ fuq l-importanza li jissaħħaħ il-litteriżmu dwar l-oċeani kif ukoll l-involvement taċ-ċittadini u taż-żgħażaġħ fit-tfassil tal-politika;

## **VI. IS-SIGURTÀ MARITTIMA U D-DIFIŻA BĦALA KUNDIZZJONI SOTTOSTANTI**

18. IFAKKAR fl-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE bħala l-qafas ta' abilitazzjoni ġenerali li permezz tiegħu l-UE u l-Istati Membri tagħha jieħdu azzjoni biex jissalvagwardaw l-interessi tagħhom fuq il-baħar, u biex jiproteġu liċ-ċittadini, il-valuri u l-ekonomija tagħhom permezz ta' politiki fil-livell tal-UE jew nazzjonali, filwaqt li jippromwovu r-regoli internazzjonali u l-konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-UNCLOS;
19. IFAKKAR li l-UE u l-Istati Membri tagħha qed isaħħu r-rwol tagħhom bħala fornitur tas-sigurtà marittima globali f'konformità mal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) u strumenti oħra li jikkontribwixxu għas-sikurezza u s-sigurtà tal-bastimenti u l-baħħara u jżommu ktajjen tal-provvista globali f'reġjuni bħall-Baħar l-Aħmar, il-Golf tal-Guinea, il-Qarn tal-Afrika u l-Baħar l-Iswed;

20. JISSOTTOLINJA r-riskji għall-UE u l-Istati Membri tagħha, u oħrajn dipendenti fuq l-ibħra u l-oċeani tad-dinja ppreżentati minn bastimenti substandard u l-"flotta mistura", inkluż theddid lill-ambjent tal-baħar, is-sikurezza u s-sigurtà marittima, l-infrastruttura kritika u d-dritt u l-istandards marittimi internazzjonali; JENFASIZZA li l-flotta mistura ddgħajjef ir-regolamentazzjoni internazzjonali li ilha teżisti tat-tbaħħir li ġiet introdotta biex tippreserva t-trasport mill-ibħra u mill-passaġġi fuq l-ilma madwar id-dinja kollha, inkluż fil-Artiku, fil-Oċean Atlantiku u fil-Baħar l-Iswed, fil-Baħar tat-Tramuntana, fil-Baħar Baltiku u fil-Baħar Mediterran; JAPPELLA lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jiffaċilitaw reazzjonijiet immirati u kkoordinati għat-theddid maħluq mill-flotta mistura, fl-ambitu tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom;
21. JISĦAQ fuq l-importanza li l-UE tkompli ssaħħaħ l-operazzjonijiet navali tagħha skont il-PSDK b'enfasi fuq l-għarfien tas-sitwazzjoni marittima, inkluż permezz tas-sistemi ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni żviluppata mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima; JISĦAQ ukoll fuq il-ħtieġa urġenti li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura marittima kritika tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, kemm fil-wiċċ kif ukoll taħt l-ilma, inkluż kejbils u pipelines sottomarini, kif ukoll li jiżdiedu l-isforzi biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' ċibersigurtà u theddid ibridu ieħor fil-qasam marittimu fil-livell tal-UE, f'dak reġjonali u nazzjonali f'dan ir-rigward; JISSOTTOLINJA li l-munizzjon mhux splodut (UXO), inkluż il-munizzjon kimiku, joħloq riskju għall-ekosistemi u l-infrastruttura tal-baħar u JINKORAĠĠIXXI l-kooperazzjoni internazzjonali biex dawn l-isfidi jiġu indirizzati b'mod effettiv; JILQA' l-pjan tal-Kummissjoni li tiżviluppa strateġija kkoordinata għat-tneħħija tal-UXO;

22. JILQA' l-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Sigurtà tal-Kejbils u JAPPELLA lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri urġenti u effettivi, u biex jikkooperaw flimkien, mal-Kummissjoni, mar-Rappreżentant Għoli u ma' atturi rilevanti oħra, bħan-NATO, b'rispett sħiħ tal-prinċipji gwida maqbula ta' trasparenza, reċiproċità u inklużività kif ukoll l-awtonomija tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE u n-NATO, u mingħajr preġudizzju għan-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri u b'kont meħud tal-interessi tas-sigurtà u d-difiża tal-Istati Membri kollha; JENFASIZZA r-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti li jwettqu funzjonijiet ta' gwardja tal-kosta u kompiti rilevanti oħra kruċjali biex jikkontribwixxu għas-sigurtà marittima; JISSOTTOLINJA l-importanza li tissaħħaħ il-kondiviżjoni transsettorjali tal-informazzjoni fil-qasam marittimu fil-livell tal-UE, dak reġjonali u nazzjonali;

## **VII. GOVERNANZA INTERNAZZJONALI TAL-OĊEANI U DIPLOMAZIJA MSAĦĦA DWAR L-OĊEANI**

23. JAFFERMA MILL-ĠDID li, kif iddikjarat fir-Riżoluzzjoni tan-NU A/RES/79/144 tat-12 ta' Diċembru 2024, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) tiddefinixxi l-qafas legali li fih iridu jitwettqu l-attivitajiet kollha li jsiru fl-oċean u fl-ibħra; ITENNI li l-involvement internazzjonali permezz ta' multilateraliżmu b'saħħtu bbażat fuq ir-regoli huwa kruċjali biex jinkisbu riżultati sinifikattivi fit-titjib tal-governanza internazzjonali tal-oċeani;

24. IFAKKAR fir-Riżoluzzjoni tan-NU A/RES/61/295 tat-13 ta' Settembru 2007 li tadotta d-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni; JIRRIKONOXXI r-rwol importanti li għandhom il-Popli Indiġeni bħala detenturi ta' għarfien indiġenu tal-ekosistemi tal-baħar; JIBQA' impenjat li, meta jieħu azzjoni favur il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli, jappoġġa u jippromwovi l-parteċipazzjoni u l-kooperazzjoni kif ukoll l-involviment tal-Popli Indiġeni u l-komunitajiet lokali;
25. JIBQA' impenjat għal impenn internazzjonali fl-isforzi globali biex jiġu protetti l-oċeani u l-ibħra, jikkomunika mas-sħab internazzjonali u mal-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd kif ukoll mal-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali u l-Pjanijiet ta' Azzjoni u l-Istrateġiji tagħhom u l-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) biex jiġu indirizzati l-isfidi globali bħat-tniġġis tal-baħar, it-tnaqqis tal-istokkijiet tal-ħut u t-telf tal-bijodiversità tal-baħar, inkluż kontrolli u spezzjonijiet effiċjenti, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, l-armonizzazzjoni tal-istandards, l-iżgurar ta' ġestjoni bbilanċjata tal-istokkijiet tal-ħut, u l-promozzjoni ta' sinerġiji għall-kisba tal-SDG 14 u l-miri relatati mal-oċeani tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti u l-ftehimiet internazzjonali dwar il-konservazzjoni tal-oċeani; JIRRIKONOXXI l-ambjent tal-baħar uniku u fraġli tal-Artiku u jibqa' impenjat li jappoġġa lill-Kunsill tal-Artiku fil-ħidma tiegħu tal-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar;

26. JAFFERMA MILL-ĠDID il-pożizzjoni ta' tolleranza zero tal-UE għas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU); JAPPOĠĠA, f'dan ir-rigward, id-djalogi dwar l-IUU ma' pajjiżi mhux tal-UE u s-sistema ta' ċertifikazzjoni tal-qabda tal-UE; JITLOB kooperazzjoni internazzjonali u multilaterali msaħħa u l-iżgurar tat-trasparenza fl-istrutturi tas-sjieda tal-bastimenti tas-sajd; JITLOB approċċ strateġiku u ambizzjuż ġdid għall-azzjoni esterna tal-UE rigward il-governanza tas-sajd globali u l-ġestjoni sostenibbli tal-oċean u r-riżorsi tal-baħar tiegħu, inkluż b'ġenerazzjoni ġdida ta' SFPA;
27. JILQA' d-dħul fis-seħħ li jmiss tal-Ftehim BBNJ; JISSOTTOLINJA l-impenn tiegħu li jinkoraġġixxi u jappoġġa aktar ratifika u implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Ftehim BBNJ;
28. JILQA' s-suċċess u l-eżiti tat-Tielet Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani, kif ukoll ir-Risoluzzjoni tan-NU A/RES/79/314 tat-30 ta' Ġunju 2025 li tapprova d-Dikjarazzjoni "L-oċean tagħna, il-futur tagħna: magħqudin għal azzjoni urġenti" adottata mill-Konferenza, li tappella għal azzjoni ambizzjuża għall-protezzjoni, il-konservazzjoni, l-użu sostenibbli u r-restawr tal-oċean u l-ekosistemi tiegħu; JITLOB l-implimentazzjoni sħiħa tagħha u JISSOTTOLINJA, f'dan ir-rigward, il-lista ta' impenji volontarji ppreżentata mill-UE u l-Istati Membri tagħha; JAPPOĠĠA l-"appell ta' Nizza għal trattat ambizzjuż dwar il-plastik" inniedi fit-Tielet Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani u JAPPELLA biex ikomplu n-negozjati u s-sensibilizzazzjoni biex jiġi żviluppat u adottat ftehim internazzjonali legalment vinkolanti biex jintemm it-tniġġis tal-plastik, inkluż fl-ambjent tal-baħar, permezz ta' approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ;

29. JAPPOĠĠA l-ħidma importanti li saret minn Stati Membri tal-UE fil-qafas tal-Awtorità Internazzjonali dwar Qiegħ il-Baħar (ISA) biex jiġi stabbilit reġim regolatorju sod dwar l-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar potenzjali fil-futur li huwa msejjes fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni kif ukoll fuq l-ogħla standards ambjentali u għarfien xjentifiku suffiċjenti, sabiex jiġi żgurat li din l-attività ma tikkawżax effetti ta' ħsara lill-ambjent tal-baħar fiż-Żona, kif definita mill-UNCLOS;
30. JILQA' l-intenzjonijiet stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani biex jissaħħu l-governanza internazzjonali tal-oċeani u l-mezzi u l-oġettivi tad-diplomazija strateġika tal-UE dwar l-oċeani.
-